IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2014
COM(2014) 100 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għar-Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni tal-Protokoll, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Federazzjoni Russa min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea:

(i) Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni tal-Protokoll, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Din il-proposta hija ppreżentata b'mod konġunt ma':

(ii) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha;

(iii) Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha;

Skont l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika tal-Kroazja għandha taċċedi għall-ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha permezz ta' protokoll għal dawn il-ftehimiet.

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fl-24 ta' Ġunju 1994. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2012[1] tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati, sabiex jikkonkludu l-protokolli rilevanti. In-negozjati mal-Federazzjoni Russa ġew konklużi b'suċċess. Il-Federazzjoni Russa qablet mat-test tal-Protokoll fin-Note Verbale tagħha tal-4 ta' Settembru, u s-SEAE fin-Note Verbale tiegħu tal-24 ta' Settembru. Dan l-iskambju ta' Notes Verbales, mitluba mill-Federazzjoni Russa, ħa post l-inizjalar tal-Protokoll.

Il-Protokoll propost jinkorpora lir-Repubblika tal-Kroazja bħala parti kontraenti għall-Ftehim u jorbot lill-UE biex tipprovdi l-verżjoni awtentika tal-Ftehim bil-lingwa uffiċjali l-ġdida tal-UE.

Il-Protokoll fih klawżola li tispeċifika li l-Ftehim jiġi emendat wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Federazzjoni Russa b'mod partikolari għandu l-għan li jippromwovi l-kummerċ u l-investiment, inkluż il-kummerċ fis-servizzi tat-trasport, u jistabbilixxi qafas għall-kooperazzjoni f'setturi differenti li huwa limitat għal kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika globali. Għalhekk, flimkien ma' bażijiet legali proċedurali applikabbli, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat u konkluż mill-Unjoni Ewropea fuq il-bażi tal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, min-naħa l-waħda, u tal-Artikoli 91 100(2), 207 u 212 tat-TFUE min-naħa l-oħra.

Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati tan-negozjati bħala sodisfaċenti u qed titlob lill-Kunsill:

[1] Id-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (Dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

– biex jirrakkomanda Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Il-Parlament Ewropew se jiġi msejjaħ biex jagħti l-kunsens tiegħu għal dan il-Protokoll.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Skont it-termini tal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni, li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra[2] ("il-Ftehim") għandha tiġi approvata bil-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ("il-Protokoll").

(2) Fl-14 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi kkonċernati[3]. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess mal-Federazzjoni Russa. Dan kien ikkonfermat fi skambju ta' ittri fl-24 ta' Settembru 2013.

(3) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Protokoll għandha tiġi approvata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(4) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll huma soġġetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

Il-konklużjoni mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, hija b'dan approvata.

---

2 ĠU L 327, 28.11.1997, p. 3.

3 Id-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni Ewropea, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (Dokument tal-Kunsill 13351/12 RISTRETT).

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President